# Noti dwar l-Ikel fil-Kunventi sas-Seklu Dsatax



minn Guido Lanfranco

Il-patrijiet u s-sorijiet inġabru f'kunventi biex flimkien joffru xogħol spiritwali imma riedu jieklu bħal ħaddieħor. Fil-kunventi l-individwi ma kienx ikollhom flus tagħhom u l-komunità tal-patrijiet jew sorijiet kienet tiddependi fuq renti minn proprjetajiet li kienu jħallulhom is-sinjuri u, fil-każ ta' ċerti sorijiet, mir-renti tad-dota li kienu obbligati jkollhom biex jidħlu fl-ordni tagħhom. L-ordnijiet mendikanti (jiġifieri li jgħixu billi jittalbu u jiġbru ikel, oġġetti u flus) sa nofs is-seklu għoxrin għadna niftakruhom jibgħatu lajk jew patri jiġbor fit-toroq, bieb bieb, bil-ħorġa fuq spalltu u jmur lura l-kunvent bil-ħobż, frott u xi ftit soldi. It-Teżor tal-Ordni ta' San Ġwann ġieli kkonċeda għotja lill-mendikanti, bħalma kien ta ross u żejt lil Ta' Ġieżu tal-Belt, bħala eżempju, fl-1697.[1] Il-qassisin, għalkemm setgħu kienu membri ta' familji sinjuri, kien hemm minnhom li kienu foqra tant li ma kienux jistgħu jordnaw minħabba li ma kienx ikollhom mnejn iħallsu s-somma meħtieġa jew ikollhom renti biżżejjed biex jiġu aċċettati.[2] L-ordnijiet tal-kunventi jew monasteri f'Malta bħalma huma l-Franġiskani Kapuċċini, Konventwali u ta' Ġieżu, l-Agostinjani, il-Karmelitani, d-Dumnikani, u s-sorijiet klawsura Benedittini u ta' Sant'Ursla kollha jissemmew sa minn sekli ilu. L-arkivji tagħhom fihom rapporti, korrispondenzi u kontijiet li juruna x'kien id-dħul u l-ħruġ ta' flejjes u, fost oħrajn, insibu x'ikel kien ikollhom matul is-sena. Diversi patrijiet riċerkaturi ppubblikaw informazzjoni ta' dan it-tip mill-arkivji, bħal Ġorġ Aquilina OFM, Mikiel Fsadni OP, Alexander Bonnici OFM Konv., Franġisk Azzopardi OFM Cap, Serafin Abela OC, Mark Cauchi OSA u oħrajn. F'din il-kitba qasira għażilt ftit informazzjoni dwar eżempji ta' ikel fil-kunventi.

F'ħafna każi nsibu li kemm patrijiet kif ukoll sorijiet, fejn kellhom post biżżejjed, kienu jrabbu tiġieġ, fniek, xi mogħża jew nagħġa u jħawlu siġar tal-larinġ, żebbuġ u ħxejjex biex jiffrankaw li jkollhom jixtru. Hekk kienu jagħmlu, tista' tgħid, il-familji kollha fil-gżejjer tagħna sa minn qabel ma ġew il-kavallieri. U hekk għamlu l-ewwel Karmelitani li ngħataw il-knisja u l-inħawi tal-Lunzjata fil-limiti tar-Rabat għall-ewwel li ġew, għax għamlu bjar, kabbru siġar tal-frott, inklużi għeneb u żebbuġ li minnhom kienu jagħmlu l-inbid u ż-żejt.[3]

## Il-Patrijiet Dumnikani

Fis-seklu sbatax fil-kunvent ta' Porto Salvo l-Belt il-patrijiet kienu jieklu flimkien fir-refettorju u kienu jużaw skutelli għall-ikel likwidu u platti ċatti għal ikel ieħor, imma l-biċċa l-kbira dawn il-kontenituri kienu tal-fuħħar, kif kienu wkoll il-buqari, bombli u bieqji li minnhom kienu jixorbu l-inbid u l-ilma. F'xi żmien dawn kienu wkoll tal-metall deskritt bħala *stagno*. Fuq il-mejda, għad-dawl kienu jixgħelu biż-żejt f'imsiebaħ tal-fuħħar jew taċ-ċeramika weqfin fuq sieq bħallikieku kandlier. F'kontijiet tal-istess seklu nsibu li, skont jekk kienetx festa jew le, kienu jieklu laħam tal-vitella, ċanga, ħaruf, gidi, zalzett, majjal frisk jew immellaħ u perżut.

Kellhom ukoll qaqoċċ, pastizzi, spagetti, żebbuġ, żejt, żagħfran, sardin, msiemer tal-qronfol, ġobon ta' Sqallija, ġbejniet ta'Malta, kif ukoll inbid, muskatell, ġellewż qubbajt, ħut, bajd u ħxejjex. Fil-festi speċjali bħal tar-Rużarju, Korpus, San Duminku, l-Għid u l-Milied kienu jieklu laħam frisk tal-vitella jew ħaruf. Għal San Martin kienu jieħdu nbid speċjali, qubbajt u ġellewż. Il-karnival li nafu aħna kien dak iż-żmien magħruf bħala l-Ewwel Karnival (ta' qabel ir-Randan) għax kien hemm it-Tieni Karnival (ta' qabel l-avvent). Karnival dak iż-żmien ma kienx ifisser xalar u maskri imma żmien meta tista' tiekol il-laħam u li trid qabel is-sawm u l-astinenza. Fis-seklu sbatax ġa kienu jieklu d-dundjani f'Malta għax fir-reġistri hemm li d-Dumnikani kienu rregalaw tnejn lit-tabib tagħhom fl-1606. Biex iqabbdu n-nar għat-tisjir kellhom ħażna ta' ħatab u l-kok kien ikun xi ko-operatur jew ukoll xi skjav imħallas.[4]

Id-Dumnikani tar-Rabat, minbarra r-refettorju, kellhom kamra ċkejkna biex fiha jistgħu jieklu dawk il-patrijiet li jkunu eżentati mis-sawm u astinenza minħabba li jkunu morda jew debboli. Dan kien isir għaliex mhux xieraq li jieklu ma' shabhom li jkunu qed isumu jew jastjenu. Jidher li din il-kamra baqgħet tintuża għall-istess skop sa żmien it-tieni gwerra dinjija.[5] Fis-seklu tmintax dawn id-Dumnikani

kellhom xi kwistjonijiet u nkwiet dwar proprjetà u wieħed minnhom, il-ħabrieki Domenico Maria Genovese, saħansitra kellu jmur Ruma biex isolvi l-affarijiet. Sakemm kien Ruma ma kellux mezzi biex jixtri l-kafè, z-zokkor u t-tabakk, għalhekk, meta ġie lura, sħabu irregalawlu ratal kafè, ratal zokkor u sitt libbri tabakk.[6]

## Is-Sorijiet Benedittini

Dawn is-sorijiet tal klawsura ffurmaw komunità fil-monasteru ta' San Pietru fl-Imdina matul l-ewwel nofs tas-seklu ħmistax. Kif jidher fid-dokumenti tas-seklu sittax (fl-1561 bħala eżempju) għall-Għid kienu xtraw 7 rtal ħaruf, 16-il ratal muntun, 16-il ratal vitella, 12-il ratal ċanga u tlitt iħrief sħaħ, minbarra l-inbid li ġabu minn Kandja u l-ġobon minn Sqallija. Kienu xtraw ukoll 73 tagħbija ħatab għall-ifran. Minbarra l-Għid kienu jiċċelebraw ukoll bil-laħam u b'ikel speċjali l-Milied, Lapsi, l-Imnarja, Korpus u San Benedittu, kif ukoll l-ewwel u t-tieni karnival kif kien isir minn kulħadd fi żmienhom.

Fis-seklu tmintax jidher li bejn wieħed u ieħor baqgħu sejrin l-istess ħlief li naqas ħafna l-laħam mill-kontijiet, probabbilment għax kienu bdew irabbu xi annimali għandhom stess għax fil-kontijiet insibu wkoll li kienu jġibu lil xi ħadd biex joqtolhomlhom. Kienu jixtru wkoll frott imqadded bħal żbib u passulina differenti kif ukoll tin taċ-ċappa. Kellhom suprissat tal-ħut u ħut impurtat bħal bakkaljaw, aringi u salamun. Għal San Martin u għall-Milied fil-kontijiet jidhru qubbajt taz-zokkor, larinġ, tuffieħ u frott ieħor frisk. Kellhom żewġ fran mibnijin bil-blokki tal-fuħħar u biex ikebbsu n-nar kienu jużaw zkuk taż-żebbuġa, faħam tal-kannol (jew faħam ta' Malta), jew fdal tal-fosdqa tal-qoton, tiben, xewk, sagħtar u l-bagħar niexef tal-baqar.[7] Dan il-bagħar (jew ħmieġ) tal-baqar, taż-żwiemel u tal-ħmir flimkien ma' kull għamla ta' xewk niexef kienu jinġabru u jintużaw bħala kebs tista' tgħid kullimkien fil-gżejjer tagħna.[8]

## Is-Sorijiet ta' Sant'Ursola

Dawn is-sorijiet ta' Malta ġew stabbiliti fl-1584 mill-Gran Mastru Verdala fil-Birgu imma marru l-Belt fl-1595. Kienu jiddependu mill-Gran Mastri u wkoll fl-ilbies tagħhom għadhom juru li huma estensjoni tal-Ordni ta' San Ġwann, imma baqgħu jeżistu wara li telqu l-kavallieri u issa jiddependu mill-Arċisqof.

Dawn is-sorijiet fil-festi kienu jixtru qubbajt imma huma stess kienu jagħmlu ħlewwiet bħal qagħaq imħawrin u għal dawn kienu jixtru għasel abjad, imsiemer tal-qronfol, żagħfran, kannella u ħwawar oħra. Kienu jixorbu xorbett (meraq tal-frott), kafè u kokotina u l-morda jieħdu ħalib. Waqt l-ikel kienu jixorbu nbid tal-Italja. Kienu jagħmlu l-ilma żahar huma stess billi kienu jixtru basktijiet biż-żahar tal-larinġ u jiddistillawh bil-lampiki tagħhom. Fil-festa ta' San Martin kien ikollhom il-qubbajt tal-lewż u tal-għasel iswed u fil-Milied ukoll għasel, larinġ, lewż u ġellewż. Minbarra l-ikel tal-okkażjoni, f'dawn il-festi, lill-kappilan tagħhom u lill-ministri li jqaddsu miegħu, lit-tabib tal-kunvent u lill-predikatur kienu jtuhom tiġieġa kull wieħed bħala rigal. L-istess kienu jagħmlu f'jum il-Ġovedì Grass (il-Ħamis ta' qabel Ras ir-Randan) u f'Sibt il-Glorja lejlet l-Għid il-Kbir. Għal dan l-Għid kienu jieklu l-ħaruf u jagħmlu għalihom u għall-benefatturi qassatat bl-irkotta u ż-żbib.[9]

Mill-1909 sal-1921 il-kappillan u konfessur ta' dawn is-sorijiet kien Dun Alfred Gatt, magħruf għall-qdusija tiegħu. Ħass il-bżonn li jagħmlilhom lista twila ta' struzzjonijiet intenzjonati, fil-fehma tiegħu, biex is-sorijiet jgħixu ħajja qaddisa. Fost dak li riedhom jagħmlu u ma jagħmlux, kien hemm dawk li jidhru hawn taħt li jikkonċernaw l-ikel (jew nuqqas ta' ikel !), miktubin b'mod li jidhru qishom qed jingħadu mill-istess sorijiet:

- Insum sakemm il-forzi tiegħi jippermettuli.
- Ma niħux ġelati, luminati, pastizzi, ħlewwiet u affarijiet bħal dawn.
- Ma nagħżilx l-aħjar frottiet.
- Insum kull nhar ta' Ġimgħa b'ħobż u żejt jew b'ħobż, inbid u ftit zokkor.
- Kull nhar ta' Ġimgħa niekol għarkobbtejja fir-refettorju. Nagħmel dan anki fil-festi tal-Madonna. (din kienet rakkomandazzjoni għall-komunità)
- Ma nieħu l-ebda ikel li ma jkunx imsajjar fil-kunvent.[10]

**Referenzi**

1 Abela, Joseph S. *Catalogue of the Records of the Order of St. John of Jerusalem in the National Library of Malta* Vol. VI, Archives 647 1697-1706 (2001) p.2.
2 Lanfranco, Guido *Xogħol u Faqar tal-Qassisin tul is-Sekli* Programm Festa taċ-Ċintura, Marija Assunta Band Club, Gudja (Ottubru. 2008).
3 Abela, Serafin *L-Ewwel Karmelitani f'Malta; Il-Lunzjata, L-Imdina 1418-1659* it-Tieni Edizzjoni (1993) p.28.
4 Fsadni, Michael *Id-Dumnikani fil-Belt 1569-1619* (1971) p.112-113.
5 Fsadni, Michael *Qlubija, Twegħir u Faraġ f'Sekli Mqallbin* (1997) p.51.
6 Fsadni, Michael *Dumnikani Maltin Magħrufa 1450-2003* (2003) p.75.
7 Buhagiar, Mario; Fiorini, Stanley *Mdina, The Cathedral City* I (1996) p.305-306, 315.
8 Lanfranco, Guido *Bejn Storja u Drawwa* (2007) p.38-45.
9 Aquilina, Ġorġ *Is-Sorijiet Ġerosolimitani; il-Knisja u l-Monasteru ta' Sant' Ursula, Valletta* (2004) p.144, 146-148, 151-152, 159, 160.
10 Bonnici, Alexander *Dun Alfred Gatt* (1995) p.45-46.